MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 434/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant (ID 147452M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, f'April, 2010 u fl-4 xhur ta' qabel, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jagħti lil martu Rosalie Schembri s-somma ffissata minn xi Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha w/jew għall-ulied fi żmien ħmistax il-jum minn dak li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Ottubru, 2010, li biha,

wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant ikkundannatu ġimgħatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Schembri [detentur tal-karta ta' l-identita' numru 147452M] minnu ppreżentat fl-14 ta' Ottubru, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, fejn sabet lill-appellant ħati ta' l-unika akkuza miġjuba kontrih, u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija w piena. Alternattivament, tirriforma s-sentenza appellata in kwantu għal piena nflitta fuq l-appellant, u dan billi timponi piena hafna aktar ekwa w ġusta għall-fatti speċi tal-każ.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor , huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi prodotti, u dan peress illi l-Ewwel Qorti straħet esklussivament fuq ix-xhieda tal-parti leża, w dan nonostante l-fatt illi dak illi allegat ma kienx sostanzjat bl-ebda prova ohra. Meta l-parti leża xehdet quddiem l-Ewwel Qorti, hija allegat ili l-appellant kien ta biss nofs il-manteniment dovut lilha. Hija naqset milli tipprovdi kwalunkwe rċevuta ta' dan l-allegat ħlas illi hija kienet irċeviet. Dan ifisser illi l-kwerelanti naqset milli ggib ebda prova in sostenn ta' dak allegat minnha.

Inoltre, filwaqt illi fir-rapport tal-Pulizija, hija nfurmathom illi ma kinitx ħadet il-manteniment dovut lilha, meta xehdet qalet illi kienet irceviet parti minn dan il-ħlas. Dan iffisser illi x-xhud mhux persuna attendibbli, u kredibbli tant illi wiehed jista' jsib htija.

Hu veru li xhud wiehed, jekk emnut hu bizzejjed biex jaghmel prova sħiħa, pero' fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, tenut kont anke ta' l-emenda riċenti rigward

korroborazzjoni, li Qorti toqgħod fuq tali xiehda la hu "safe" u lanqas "satisfactory". Bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet waslet għall-prova rikjesta mil-liġi u ċioe' dik ta' bla dubju dettat mir-raġuni, fuq ix-xhieda ta' Rosalie Schembri meta m'hemm xejn illi jissustanzja bi provi, dak illi sostniet hi. Għalhekk l-appellant kellu jigi liberat, fuq il-bazi ta' nuqqas ta' provi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet lill-allegata vittma li li qabel ma kenitx irċeviet il-manteniment tghid illi bejn il-bieraħ u llum (6 ta' Diċembru 2010) tħallsu l-pendenzi kollha illi kien hemm u li ma fadalx pendenzi f'dan l-istadju.

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti qed tiddeċiedi li tilqa' l-appell b'dan, illi tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi nhar l-4 ta' Ottubru 2010 billi ,waqt li tikkonferma l-ħtija tal-appellant li kienet diga' nstabet qabel, tħassar u tirrevoka dik il-parti biss tas-sentenza fejn imponiet piena ta' ġimagħtejn detenzjoni u minflok, stante l-ħlas kollu dovut, qed tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni dedotta kontrih bil-kundizzjoni li ma jwettaq ebda jwettaq ebda reat iehor fis-sitt xhur li ġejjin.

Il-Qorti spjegat biċ-ċar lill-appellant xi jfisser dan. L-imputat m'għandu ebda jedd li ma jagħtix il-manteniment dovut u dan jgħodd ukoll jekk l-imputat allegatament mhux qed jaħdem. Sakemm ma jinbidilx id-digriet tal-Qorti li ffissa l-manteniment, l-obbligu tal-ħals indikat fit-tali digriet jibqa' hemm u jorbot lill-appellant. Il-Qorti qed twissi wkoll lill-appellant li jekk se jerga' jikser l-obbligazzjoni tiegħu li jħalals il-manteniment allura mbagħad ikun patibbli mhux biss tal-ksur il-ġdid imma anki wkoll tal-ksur tal-obbligazzjoni li huwa kopert b'din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------